**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni ĠENERALI**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D., LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Ġimgħa, 22 ta' Novembru 2024**

**Rikors Ġuramentat numru: 88/2023 BS**

**Mary Anne Attard mart Joseph Attard u Angiolina Sultana mart Leone Sultana**

**-vs-**

**L-Avukat Dottor Mario Scerri li b'digriet tas-7 ta' Diċembru 2023[1] ġie nominat kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-eredi mhux magħrufa ta' Mikelina nee' Galea**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi[2] illi ppremettew:**

(1) *"Illi Victoria armla ta' Serafin Spiteri, bint il-mejtin Angelo Galea u Maria nee' Gauci, mietet f' Victoria, Għawdex fit-tnejn (2) ta' Diċembru elfejn u tlieta (2003) – Dok. B;*

[1] Digriet a fol 70.
[2] Rik. Gur. a fol 1 sa 6 b'dokumenti a fol 7 sa 64.

(2) *Illi hija rregolat is-suċċessjoni tagħha bis-saħħa ta' żewġ testmenti unika karta flimkien ma' żewġha fl-atti tan-Nutar Antonio Galea tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar elf disa' mija wieħed u sebgħin (1971), u tad-disgħa (9) ta' Jannar elf disa' mija ħamsa u sebgħin (1975), u ieħor waħedha fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tal-ħamsa (5) ta' Settembru elf disa' mija disgħa u tmenin (1989); (Dokumenti C, D, E, F u G);*

(3) *Illi bis-saħħa ta' dawn it-testmenti hija ma nnominatx eredi, għaliex id-dispożizzjoni li permezz tagħha hija nnominat lil żewġha eredi tagħha ġiet ineffettiva minħabba li huwa miet qabilha, imma ħalliet b'titolu ta' legat lill-esponenti nomine "is-sehem tagħha kollu mill-biċċa raba msejħa "Tan-Nenus" limiti Xagħra, Għawdex, konfinanti mill-punent ma' sqaq u rjieħ oħra mhux magħrufa lit-testatriċi";*

(4) *Illi Victoria Spiteri mietet improle (Dok. H), u għalhekk wirtuha ħutha jew id-dixxendenti rispettivi tagħhom per stirpes fi kwoti ugwali bejniethom;*

(5) *Illi ħut Victoria Spiteri kienu s-segwenti: Ganni u Gużepp li twieldu fit-23 ta' Ġunju 1903 u mietu rispettivament fil-15 ta' Frar 1904 u fil-21 ta' Mejju 1904 (Dokumenti I, J, K, L u M), Gużeppa li twieldet fit-22 ta' Frar 1905, u mietet xebba, u improle, magħrufa bħala Suor Leonilda fis-16 ta' Marzu 1999 (Dok. N); Mikelina li twieldet fl-24 ta' Ottubru 1907 (Dok. O) li marret tabita l-Awstralja lura fis-snin tletin (1930s) u iktar tard iżżewġet lil Klement Grech; u Karmni li twieldet fit-28 ta' Settembru 1913 (Dok. P), u iktar tard iżżewġet lil Stephen Sultana, u mietet fis-16 ta' Marzu 1999 (Dok. Q) mentri żewġha Serafin Spiteri kien miet qabilha (Dok. R) kif jidher miċ-ċertifikat rilaxxjat mill-Parroċċa tax-Xagħra hawn anness bħala Dok. S;*

(6) *Illi l-esponenti jinnota li huwa ma rnexxielux isib iċ-ċertifikat tal-mewt ta' Ganni Galea mir-Reġistru Pubbliku u mir-riċerki li għamel fil-Parroċċa tax-Xagħra ottjena ċertifikat tal-mewt ta' persuna indikata bħala "Joanna Galea filia Angelo Galea et Mariae Gauci";*

(7) *Illi l-uniċi ulied ta' Karmni sive Carmela Sultana kienu r-rikorrenti Mary Anne Attard u Angiolina Sultana;*

(8) *Illi l-esponenti ma għandhom l-ebda informazzjoni dwar id-data tal-mewt ta' Mikelina, imma jippreżumu li sal-lum din hija mejta, dwar jekk Mikelina kellhiex ulied, kemm setgħu kienu dawn l-ulied, u dwar fejn dawn jistgħu jinsabu, wisq u wisq inqas dwar l-identità tagħhom;*

(9) *Illi ghalhekk l-eredità ta' Vittorja Spiteri ddevolviet kwantu għal nofs indiviż favur l-imsemmija Mary Anne Attard u Angiolina Sultana, u nofs indiviż favur Mikelina jew l-eredi mhux magħrufa tagħha u dan anke kif jirriżulta mis-sentenza fl-ismijiet Fabio Azzopardi bħala mandatarju tal-imsifrin Mary Anne mart Joseph Attard u Angiolina mart Leone Sultana rispettivament kif awtorizzat bi prokura vs Dr. Mario Scerri li b'digriet tat-30 ta' Novembru 2018 ġie nominat Kuratur Deputat sabiex jirrapreżenta lill-eredi nhux magħrufa ta' Mikelina nee' Galea deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Generali fis-sitta (6) ta' Ġunju elfejn u dsatax (2019) fejn ġie iddikjarat li s-suċċessjoni ta' Vittorja armla ta' Serafin Spiteri, bint il-mejtin Angelo Galea u Maria nee' Gauci, li mietet f' Victoria, Għawdex fit-tnejn (2) ta' Diċembru elfejn u tlieta (2003) aperta favur l-imsemmija Mary Anne Attard u Angiolina Sultana fi kwota ta' nofs indiviż bejniethom, u favur l-eredi ta' Mikelina Grech nee' Galea fi kwota ta' nofs indiviż l-ieħor;*

(10) *Illi l-imsemmija Mary Anne Attard u Angiolina Sultana jridu li huma jiġu mmessi fil-pussess tal-legat imħolli favur tagħhom minn Serafino Spiteri, liema legat jikkonsisti illum il-ġurnata fi blokk ta' bini bl-isem Serafina Flats li ġie żviluppat fuq sit qabel okkupat mis-segwenti u cioe' il-fond bin-numru umcjali ħmistax (15), fl-isqaq magħruf bhala Sqaq ta' Firjolu li jizbokka fi Pjazza Vittoria, Xaghra liema fond originarjament gie akkwistat minn Serafino Spiteri qabel iz-zwieg in forza ta' kuntratt ta' bejgh, ippubblikat minn Nutar John Busuttil datat is-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju, tas-sena elf disa' mija u sittin (1960) (G.Ins.442/1960) kif soggett ghal-cens annwu u perpetwu ta' sold u nofs. Illi l-imsemmi Serafino Spiteri miet nhar is-sbatax (17) ta' Novembru, tas-sena elf disa' mija u tnejn u tmenin (1982) u rregola l-wirt u s-successjoni tieghu permezz ta' zewg (2) testmenti unica charta flimkien ma' martu Vittoria Spiteri, wiehed testment revokartorju fl-atti tan-Nutar Antonio Galea datat il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar, tas-sena elf disa' mija u wiehed u*

*sebghin (1971) (G.T. 142/1971) – Dok E, li permezz tieghu nnomina u stitwixxa lil martu bhala eredi universali, u l-iehor testment addizzjonali fl-atti tan-Nutar Antonio Galea datat id-disgha (9) ta' Jannar, tas-sena elf disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (G.T.61/1975) Dok F - li permezz tieghu halla il-fond fuq imsemmi b'titolu ta' legat lil Mary Anne mart Joseph Attard u Angiolina Sive Angela mart Leone Sultana fi kwoti ugwali u ndivizi bejniethom. Sussegwentament, l-imsemmi cens gie mifdi permezz ta' cedola ddepozitata fil-Qorti Civili t'Ghawdex (Gurisdizzjoni Superjuri) datata l-ewwel (1) ta' Lulju, tas-sena elf disa' mija u tnejn u disghin (1992) (GCE. 117/1992) liema porzjon art tifforma parti mill-porzjon art mmarkata ahjar fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata dokument T; u b) Porzjoni diviza ta' art tal-kejl ta' circa disa' metri kwadri (9m.k) li giet akkwistata minn Serafinu Spiteri matul iz-zwieg tieghu lil Vittorja Spiteri in forza ta' kuntratt ta' permuta fl-atti tal-Nutar Antonio Galea datat it-tnejn (2) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u tnejn u sebghin (1972) (G.Ins.66/1972) liema porzjon art tifforma parti mill-porzjon art mmarkata fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata dokument T;"*

**Talbu għalhekk lill din il-Qorti sabiex:**

(1) *tikkundannakom sabiex tersqu għall-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess favur l-imsemmija Mary Anne Attard u Angiolina Sultana tal-blokk ta' bini bl-isem Serafina Flats li gie zviluppat fuq sit qabel okkupat mis-segwenti u cioe' il-fond bin-numru uffcjali hmistax (15), fl-isqaq maghruf bhala Sqaq ta' Firjolu li jizbokka fi Pjazza Vittorja, Xaghra u porzjoni diviza ta' art tal-kejl ta' circa disa' metri kwadri (9m.k), li kumplessivament ghandhom il-kejl ta' cirka mitejn u disgha u erbghin metri kwadri (249m.k.) li jinsabu ahjar indikati fuq il-pjanta Dokument T, u dan ad opera tan-Nutar Josette Spiteri Cauchi, jew Nutar iehor in sostituzzjoni taghha, bl-intervent ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq dan l-att, f'jum ħin u lok li jiġi ffissat minn din l-istess Qorti.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra tagħkom.*
*Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom inġunti."*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Dottor Mario Scerri fil-kwalita tiegħu ta' kuratur deputat tal-eredi mhux magħrufa ta' Mikelina nee' Galea[3] illi eċċepixxa:**

1. *" Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-atturi jridu jgibu prova li l-art oggett fil-kawza mhix l-istess art li kienet l-oggett tà kawza ohra bejn l-istess partijiet fl-ismijiet: Fabio Azzopardi noe et vs Dr. Mario Scerri noe (Rikors numu 94/2018/PC) li giet deciza b'sentenza tas-6 tà Gunju 2019 li saret res judicata, u fin-nuqqas tà tali prova, l-esponenti jeccepixxi li l-azzjoni hi milquta bil-gudikat;*

2. *Fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-esponenti jiddikjara li mhuwiex edott sewwa mill-fatti in kawza u qed jirrizerva minn issa li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt dwar il-meritu;*

3. *Illi fin-nuqqas tà prova li hemm flus bizzejjed fil-wirt battal tà Mikelina Grech neé Galea, l-ispejjez tà din il-kawza u dawk relatati mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt tà immissjoni fil-pussess tal-legat li qeghdin jitolbu l-atturi ghandhom jibqghu a karigu tal-istess atturi.*

*Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."*

**Fliet l-atti.**

**Rat** id-dokumenti annessi mar-rikors guramentat.[4]

**Rat** in-nota tal-atturi tat-2 ta' Frar, 2024 li biha ezebew kopja awtentikata ta' kuntratt datat it-3 ta' Awwissu, 2019 in atti Nutar Kristen Dimech b'anness miegħu pjanta li skonthom tikkonferma li s-sit mertu ta' din l-istanza mhuwiex l-istess bħal dak li kien mertu tad-deċiżjoni numru 94/2018/PC mogħtija nhar is-6 ta' Ġunju, 2019 fl-ismijiet ***Fabio Azzopardi noe vs Dr. Mario Scerri noe***.[5]

---

[3] Risposta guramentata a fol 76 u 77.
[4] Dokumenti varji a fol 7 sa 64.
[5] Nota a fol 80, kuntratt a fol 81 sa 84; ezebit ghal darb'ohra aktar tard u mignhajr paginazzjoni flimkien ma' nota tal-atturi tat-3 ta' Ottubru, 2024. Pjanta a fol 85 ukoll ezebita ghal-darb'ohra aktar tard.

**Rat** il-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Ottubru, 2024 fejn il-kuratur deputat tal-eredi mhux magħrufa ta' Mikelina nee' Galea *qua* konvenuti ddikjara li fid-dawl tal-kuntratt eżebit mill-atturi jirriżulta ċar li l-proprjeta' mertu ta' din l-istanza hija diversa minn dik li kienet mertu tad-deċiżjoni numru 94/2018/PC mogħtija nhar is-6 ta' Ġunju, 2019 b'dan li rtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu. Issottometta wkoll li dwar it-tieni eċċezzjoni jirriżulta li l-proprjeta' oġġett tal-kawża ġiet imħollija b'legat mentri dwar it-tielet eċċezzjoni rrimetta ruħu għall-ġudizzju ta' din il-Qorti.[6]

**Rat** li fl-istes sudjenza tat-3 ta' Ottubru, 2024 il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.[7]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

## B. Provi:

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Mary Anne Attard**, attriċi, xehdet permezz ta' affidavit.[8]

Tiddikjara li hija ma' tafx minn huma l-eredi ta' Mikelina nee' Galea. Iżżid li anqas m'għandha l-ebda informazzjoni dwar id-data tal-mewt tal-istess Mikelina u jekk l-istess kellhiex ulied, kemm kienu, u dwar fejn jinstabu jew min huma.

## C. Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi talbu sabiex il-konvenut nomine jiġi ordnat jersaq sabiex jimmittihom fil-pussess tal-blokka ta' bini magħrufha bl-isem *"Serafina Flats"* li ġiet żviluppata fuq sit qabel okkupat mil-fond numru ħmistax (15) fl-isqaq magħruf bħala Sqaq ta' Firjolu li jiżbokka fi

---

[6] Verbal mhux paginat.
[7] Verbal mhux paginat.
[8] Affidavit mhux paginat.

Pjazza l-Vitorja fix-Xagħra, Għawdex u porzjon diviża ta' art tal-kejl ta' ċirka disa' metri kwadri (9m.k.) li kumplessivament għandhom il-kejl ta' ċirka 249m.k. u jinsabu aħjar indikati fi pjanta mmarkata bħala dokument "T".

Mill-atti rriżulta li tali proprjeta' kienet ġiet akkwistata mir-raġel taz-zija tal-atturi, Vittoria Spiteri ċioe' Serafinu Spiteri in parti mill-poter ta' Salvina Teuma in forza tal-kuntratt ta' kompravendita' tas-26 ta' Lulju, 1960 in atti Nutar John Busuttil[9] u in parti mill-poter ta' Loreta Camilleri in forza ta' kuntratt ta' permuta tat-2 ta' Frar, 1972 in atti Nutar Antonio Galea.[10]

Irriżulta ulterjorment li wara dan, bit-testmenti unica charta tagħhom magħmulha nhar il-25 ta' Frar, 1971 in atti Nutar Antonio Galea[11] u nhar id-9 ta' Jannar, 1975 ukoll in atti Nutar Antonio Galea;[12] il-konjuġi Vittoria u Serafinu Spiteri nnominaw lil xuxlin eredi universali u proprjetarji assoluti tal-beni tagħhom kollha, mobbli u mmobbli, mingħajr ebda eċċezzjoni,[13] b'dan li aktar tard żiedu dispożizzjoni testamentarja li biha ħallew b'legat renumenatorju lill-atturi odjerni, *qua* neputijiet tagħhom ulied Carmela Sultana nee' Galea, oħt Vittoria Spiteri, u żewġha Stefano Sultana, f'ishma ugwali u ndiviżi bejniethom:

> [...] *il-lok ta' djar bil-giardina retroposta u mieghu annessa li jinsab fix-Xaghra Gozo numru 15 u 16 (hmistax u sittax) fis-sqaq "ta' Firjolu" li jisbokka fuq Victory Square, Xaghra Gozo*.[14]

Oltre minn hekk, Vittoria Spiteri waħedha, wara li ormlot minn żewġha Serafinu Spiteri, u b'testment ieħor tagħha tal-5 ta' Settembru, 1989 in atti Nutar Michael Refalo, filwaqt li kkonfermat id-dispożizzjonijiet testamentarji preċedenti tagħha magħmulha fit-testmenti unica charta flimkien ma' żewġha premorjenti lilha, żiedet dispożizzjoni li biha:

[9] Kopja awtentikata a fol 48 sa 53.
[10] Kopja awtentiakta a fol 54 sa 59.
[11] Kopja awtentikata a fol 18 sa 20.
[12] Kopja awtentikata a fol 21 sa 23.
[13] Ref.: it-tielet artikolu tat-testment unica charta taghhom tal-25 ta' Frar, 1971 in atti Nutar Antonio Galea li jirrizulta a fol 19.
[14] Ref.: dispozizzjoni fit-testment tad-9 ta' Jannar, 1975 li tinsab a fol 22.

*Thalli b'legat lill Mary Anne mart Joseph Attard u Angiolina mart Leone Sultana ahwa Sultana, ulied il-mejjet Stefano Sultana u Carmela nee' Galea – nepputijiet taghha – is-sehem taghha kollu mill-bicca raba' imsejha "Tan-Nenus" limiti Xaghra, Gozo.*[15]

Irriżulta wkoll li l-proprjeta' mertu tad-deċiżjoni numru 94/2018/PC mogħtija nhar is-6 ta' Ġunju, 2019 fl-ismijiet ***Fabio Azzopardi noe vs Dr. Mario Scerri noe***[16] kienet fil-fatt ukoll biċċa raba' msejjħa "tan-Nenus" fil-limiti tax-Xagħra, Għawdex kif fil-fatt ġiet immissa fil-pussess tal-atturi odjerni bil-kuntratt appożitu li segwa l-istess deċiżjoni u li sar nhar it-3 ta' Awwissu, 2019 in atti Nutar Kristen Dimech. [17]

B'dan iżda li tali raba' ġiet identifikata wkoll bi pjanta u *site-plan* annessi mal-kuntartt imsemmi tal-immissjoni fil-pussess li hija diverġenti minn dik eżebita mar-rikors ġuramentat li ta' lok għal din l-istanza.[18]

Dwar l-eredi ta' Vittoria Spiteri rrilżuta, kif anke kien fil-fatt irriżulta fid-deċiżjoni numru 94/2018/PC mogħtija nhar is-6 ta' Gunju, 2019 fl-ismijiet ***Fabio Azzopardi noe vs Dr. Mario Scerri noe***, li dawn m'huma ħadd għajr l-atturi odjerni u l-eredi mhux magħrufa ta' Mikelina  Grech nee' Galea, hawn konvenuti rappreżentati mill-kuratur deputat Dr. Mario Scerri.

Dan stante li s-suċċessjoni ta' Vittoria Spiteri li mietet wara żewġha Serafinu Spiteri b'dik l-istess deċiżjoni ġiet dikjarata miftuħa a favur l-eredi *ex lege* tagħha li rriżulta ulterjorment li m'huma ħadd oltre l-atturi odjerni  u l-eredi mhux magħrufa ta' Mikelina Grech nee' Galea stante li l-istess Vittoria Spiteri ma' jirriżultax li kellha wlied mentri mill-ħames ħutha ma' jirriżulta li jissopravivi ħadd filwaqt li bħala ulied tagħhom jirriżultaw biss l-atturi *qua* ulied Carmela sive Karmni nee' Galea mart Stefano Sultana u possibbli ulied ta' Mikelina Grech nee' Galea mart Klement Grech li m'humiex magħrufa.

---

[15] Ref.: dispozizzjoni fit-testment tal-5 ta' Settembru, 1989 li tinsab a fol 24.
[16] Kopja tad-decizjoni a fol 60 sa 64.
[17] Kuntratt a fol 81 sa 84; ezebit ghal darb'ohra aktar tard u mignhajr paginazzjoni flimkien ma' nota tal-atturi tat-3 ta' Ottubru, 2024. Pjanta a fol 85 ukoll ezebita ghal-darb'ohra aktar tard.
[18] Ref.: pjanta annessa mar-rikors guramentat odjern a fol 38 u dik annessa mal-kuntratt tal-immissjoni fil-pussess tat-3 ta' Awwissu, 2019 – mhux paginata.

Mit-tlett t'aħwa ulterjuri ta' Vittoria Saliba – u ċioe' Giovanni sive Ganni u Giuseppe sive Guzepp tewmin Galea u Suor Leonilda fis-seklu Josephine sive Giuseppa Galea – Suor Leonilda mietet improle fil-25 ta' Diċembru, 1984,[19] Guzepp Galea miet ta' ħdax-il xhar fil-21 ta' Mejju, 1904;[20] mentri għalkemm dwar Ganni Galea ma' irriżultax ċertifikat tal-mewt ċar, la' f'din l-istanza u anqas fil-proċeduri li pproċedewha u wasslu għad-deċiżjoni numru 94/2018/PC mogħtija nhar is-6 ta' Ġunju, 2019 fl-ismijiet ***Fabio Azzopardi noe vs Dr. Mario Scerri noe*** ma' tqajmet kwistjoni dwar il-fatt li ma' jidhirx li dan ħalla xi eredi tant li, kif ingħad, fid-deċiżjoni numru 94/2018/PC is-suċċessjoni ta' Vittoria Spiteri infetħet biss a favur tal-atturi odjerni u tal-eredi ta' Mikelina Grech nee' Galea fi kwoti ta' nofs indiviż kull parti.

In vista ta' dan, kif ukoll tal-fatt li fl-udjenza tat-3 ta' Ottubru, 2024 il-kuratur deputat tal-eredi mhux magħrufa ta' Mikelina Grech nee' Galea *qua* konvenuti rtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu filwaqt li żamm ferm ir-rimanenti eċċezzjonijiet tiegħu;[21] din il-Qorti ma' tara ebda raġuni għalfejn it-talbiet atturi m'għandhomx jiġu milqugħa.

**Decide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) eċċezzjoni tal-konvenut nomine stante l-irtirazzjoni tal-istess, tiddisponi mir-rimanenti eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine konformement ma' dak hawn deċiż u tilqa' it-talba attriċi billi tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex jersaq għall-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess favur l-atturi Mary Anne Attard u Angiolina Sultana tal-blokka ta' bini bl-isem *"Serafina Flats"* li ġiet żviluppata fuq sit qabel okkupat mil-fond bin-numru uffiċjali ħmistax (15), fl-isqaq magħruf bħala Sqaq ta' Firjolu li jiżbokka fi Pjazza l-Vitorja, fix-Xagħra, Għawdex u porzjon diviża ta' art tal-kejl ta' ċirka disa' metri kwadri (9m.k.) li kumplessivament għandhom il-kejl ta' ċirka mitejn u

[19] Ref.: certifikat tal-mewt a fol 33.
[20] Ref.: certifikat tal-mewt a fol 30.
[21] Ref.: verbal mhux paginat.

disgħa u erbgħin metri kwadri (249m.k.) li jinsabu aħjar indikati fuq il-pjanta dokument "T" annessa mar-Rikors Ġuramentat.

Għal dan il-għan tappunta lin-Nutar Kristen Dimech sabiex jirrediġi u jippubblika l-att relattiv fl-uffiċju tiegħu fis-16 ta' Diċembru, 2024 fl-għaxra ta' filgħodu (10.00am) u lill-Avukat Dr. Mario Scerri sabiex jidher għall-eventwali kontumaċi.

Bl-ispejjeż kemm ta' din il-kawża kif ukoll tal-kuntratt opportun ikunu, fiċ-ċirkostanzi, a karigu tal-atturi stante li l-eredi ta' Mikelina Grech kif rappreċentati mill-konvenut nomine m'huma ser jibbenefikaw bl-ebda mod minn din id-deċiżjoni.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur